MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2011

Talba Numru. 1030/2009

**AMJ Investments Limited (C-8021)**
**vs**
**Joseph Caruana, (K.I. 236052M),**
**Joseph Gravina (K.I. 28956M) u**
**Lawrence Montesin (K.I. 728149M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' mitejn disgha u sebghin ewro u tnejn u hamsin centezmu (€279.52) rapprezentanti tmien snin kera fuq fond li l-kumitat konvenut kien jikri minghand s-socjeta' attrici liema fond jinsab f'numu 66 Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk versu l-kera ta' erbgha u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€34.94) gja hmistax-il liri Maltin (LM15) fis-sena.

Peress illi s-socjeta' attrici ppprezentat proceduri ghall-izgumbrament tal-intimati mill-istess fond u b'sentenza tal-

Qorti tal-Appell tat-28 ta’ Novembru, 2007 fil-kawza fl-ismijiet *AMJ Investments Limited vs Maurice Bonnici et* giet deciza b’ezitu favur l-esponenti u l-kumitat intimat hareg mill-post fis-sena 2008. Illi l-kumitat konvenut kellu jhallas tmien snin kera ammontanti ghal mitejn disgha u sebghin ewro u tnejn u hamsin centezmu (€279.52) gja mija u ghoxrin Liri Maltin (LM120) liema kumitat interpellat diversi drabi baqa’ inadempjenti.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra interpellatorja tal-5 ta’ Novembru, 2009 u tal-24 ta’Lulju, 2008 u bl-interessi mid-data tal-avviz kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-kumitat intimat fejn qalu li huma qatt ma krew il-fond indikat minghand is-socjeta’ attrici izda minghand l-awturi fit-titolu ghas-socjeta’ attrici li fosthom kien hemm Alfred Fenech illi huwa kien ukoll direttur tal-istess socjeta’ attrici.

Illi kif ampjament ippruvat, jirrizulta li l-kera dovuta dejjem giet depozitata taht l-awtorita’ tal-Qorti u dan f’isem is-sid li dejjem irrikonoxxa l-kirja stante illi s-socjeta’ attrici qatt ma rrikonoxxiet il-kirja, b’dan illi hija qatt ma kellha xi relazzjoni guridika mal-intimati u ghalhekk kull decizjoni tal-qorti li ghaliha saret riferenza, kellha tkun ghar-rigward ta’ tali kirja originali u dan kif ser jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta’ attrici.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati in atti.

Ra u sema’ x-xhieda ta’ Michael Fenech, Nazzarenu Fenech, Lawrence Montesin, Joseph Caruana.

Sema’ t-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidra:**

Illi mill-provi jirrizulta li din il-kawza hija dwar hlas ta’ tmien snin kera b’lura mis-sena 2002 sas-sena 2009. Illi skont ix-xhieda ta’ wiehed mid-diretturi, tas-socjeta’ AMJ Investments Limited (C-8021), Michael Fenech, huwa qal li l-fond kien mikri lill-kumitat tal-Kazin Laburista, f’Marsaxlokk ghas-somma ta’ erbgha u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€34.94) gja hmistax-il liri Maltin (LM15) fis-sena sa mis-snin tmenin ‘l quddiem. Illi originarjament il-proprjeta’ kienet tappartjeni lil Giacondo Fenech u wara l-mewt tieghu wirtuh uliedu., Nazzareno Fenech flimkien ma’ hutu Catherine Crauana u l-mejta Angela Farrugia. Illi fit-18 ta’ Jannar, 2001 Nazzareno Fenech flimkien mal-eredi t’ ohtu Angela Farrugia u cioe’ Rosario u Emanuele ahwa Farrugia bieghu sehemhom mill-proprjeta’ in kwistjoni numru 66 Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk lis-socjeta’ attrici u fit-22 ta’ Gunju, 2001 Catherine Caruana bieghet sehemha fil-proprjeta’ konsistenti fit-terz li kien ghad ma nbieghx lill-istess socjeta’ attrici u ghaldaqstant sa nofs Gunju, 2001 is-socjeta’ attrici kienet saret il-proprjetarja tal-fond kollu mertu ta’ din il-kawza. Illi permezz t’ ittra datata 6 ta’ Dicembru, 2001 il-Kumitat tal-Kazin Laburista ta’ Marsaxklokk kien irceva ittra bonarja mill-avukat tas-socjeta’ attrici fejn kien hemm ikkonfermat lis-socjeta’ attrici hija l-proprjetarja tal-fond 66, Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk u fl-istess waqt talbet li tiehu lura l-fond in kwistjoni li kien qieghed mikri lil kumitat konvenut. Illi sussegwentement jirrizulta mill-provi li s-socjeta’ attrici fl-2002 fethet kawza kontra l-kumitat tal-MLP f’Marsaxlokk ta’ dak iz-zmien, quddiem il-Bord li jirregola l-Kera, sabiex tiehu lura dan il-fond ghaliex il-kumitat kien irrezista t-talba taghha. Illi fir-risposta tal-Kumitat, it-Tribuanl jirrilleva li, l-kumitat ma qajjimx il-punt li ma kellux relazzjoni guridika mas-socjeta’ attrici. Illi hija l-fehma tat-Tribunal, li dan ghandu jitqies bhala konferma min-naha tal-kumitat li kien qieghed jaccetta s-socjeta’ AMJ Investments Limited bhala sid il-fond mertu tal-kwistjoni sa mill-bidu tas-sena 2002.

Illi jirrizulta ukoll mill-provi li kif kien inqala’ d-dizgwid u s-sid ma kienx qieghed jaccetta l-kera, l-kumitat beda jiddeposita l-kera dovuta fil-Qorti sabiex jikkawtela d-

drittijiet tieghu. Illi di fatti rrizultaw numru ta’ cedoli ta’ depozitu ezebiti mill-kumitat konvenut, li jindikaw li ddepozitu fil-fatt kien sar. Izda jirrizulta ukoll illi d-depozitu tal-kera kien qieghed jindika lil certu Alfred Fenech bhala l-intimat u dan sa mis-sena 2002. Illi mill-provi, Alfred Fenech qatt ma rrizulta bhala proprjetarju tal-fond in kwistjoni izda huwa iben Nazzareno Fenech, wiehed mill-werrieta originali tas-sid Giacondo Fenech. Alfred Fenech irrizulta ukoll illi kellu r-rappresentanza legali tas-socjeta’ attrici u kien il-firmatarju ghan-nom tas-socjeta’ attrici meta l-istess socjeta’ attrici xtrat il-fond mertu tal-kawza fis-sena 2001 u kien ukoll il-bniedem li l-kumitat kien ukoll jitratta mieghu fuq dan il-fond mertu tal-kaz.

Illi l-kirja originarjament kient saret ma’ Giacondo Fenech u meta miet wirtuh it-tfal tieghu u l-kirja kienet ghaddiet f’idejhom u warajh kien jiehu hsieb kollox ibnu Nazzareno Fenech. Maz-zmien, ghalkemm Nazzarenu Fenech kienu ghadu haj, kompla jiehu hsieb ibnu Alfred li gieli kien jitratta mal-kumitat direttament huwa minflok missieru dwar kwistonijiet relatati mal-fond mertu tal-kawza. tul il-hajja ta’ Nazzarenu Fenech, fis-sena 2001, is-socjeta’ AMJ Investments Limited xtrat il-fond in kwistjoni minn Nazzarenu Fenech, minn ohtu u l-eredi ta’ wahda minn hutu permezz ta’ zewg kuntratti separati li jinsabu in atti tan-Nutar Peter Carbonaro, ezebiti in atti a fol. 22 sa fol. 27, bir-rzilultat illi is-socjeta’ attrici saret il-proprjetarja tal-fond mertu ta’ din il-kawza. It-Tribunal m’ghandux dubju li l-kumitat kien jitratta ma’ Alfred Fenech, li huwa iben Nazzareno Fenech, u mhux iktar minn mall-missier. Izda gara li galadarba it-trattativi fuq din il-proprjeta’ kienu qieghdin isiru ma’ Alfred Fenech bhala konsegwenza irragunaw erronjament illi ghalkemm huwa kien qieghed jiehu hsieb din il-proprjeta’ allura huwa kien is-sid u ghaldaqstant kellu ukoll ikun responsabbli ghal gbir tal-kera.

Jidher li sar zball min-naha tal-kumitat MLP f’Marsaxlokk meta gharfu lil Fenech bhala mhux biss il-bniedem li mieghu kienu qieghdin jitrattaw dwar ix-xiri tal-fond, izda gharfuh ukoll bhala r-ricevitur tal-kera *qua* sid. Izda jirrizulta ampjament mill-provi li l-Kumitat kien ilu a

konoxxenza tas-sid il-gdid sa minn Dicembru, 2001 u kien ukoll gie rikonoxxut bhala tali, izda xorta wahda d-depozitu tal-kera baqa' jsir lil intimat Alfred Fenech li qatt ma seta' jircievi l-kera f'ismu personali minflok is-sid AMJ Investments Limited.

It-Tribunal ma jistax ma jirrimarkax illi ghalkemm intqal mill-kumitat konvenut illi huma qatt ma kienu gew notifikati ufficjalment bit-tibdil tas-sid, Alfred Fenech qatt ma kien il-werriet tal-fond meta miet Giacondo Fenech, izda l-werrieta kienu missieru u hutu. Ghaldaqstant, Alfred Fenech qatt ma kellu jitnizzel bhala l-intimat fic-cedola. Illi semmaj kieku l-kumitat ma kienx irrikonoxxa lis-sid il-gdid, id-depositu kellu jsir lill-intimati Nazzarenu Fenech u hutu bhala werrieta tal-mejjet Giacondo Fench kif kien sar f'cedola ta' depositu tal-1996, a fol. 19.

It-Tribunal wara li sema' u evalwa l-provi kollha migjuba quddiemu, jikkonkludi li c-cedoli tad-depozitu tal-kera tal-fond 66, Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk kienu qieghdin jigu depozitati fil-Qorti kontra l-intimat Afred Fenech. Illi t-Tribunal huwa sodisfatt illi rrizulta car u manifest mill-provi taz-zewg nahat illi l-kumitat konvenut kien jaf illi s-socjeta' attrici kienet il-proprjetarja gdida tal-fond in kwistjoni sa minn Settembru, 2001, izda erronjament il-kera ma gietx iddepozitata kontra s-sid izda kontra individwu li ma kellu ebda rabta legali mal-fond.

Ghaldaqstant, il-kera ta' tmien snin lura ghada sallum dovuta lis-socjeta' attrici skont it-talba ghaliex il-kera giet depozitata kontra intimat li ma kellu ebda titolu legittimu ghal dan il-fond u ghaldaqstant il-kera fuq dan il-fond qatt ma tista tigi accetata minnu.

It-Tribunal huwa ghalhekk sodisfatt illi s-socjeta' attrici ppruvat il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet tal-kumitat konvenut u jikundanna lill-istess kumitat konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn, disgha u sebghin ewro u tnejn u hamsin centezmu

(€279.52) bl-interessi mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

Spejjez jibqghu minghajr taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------